Supplment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,539, 14 ta' Novembru, 1997
Taqsima B

A.L. 186 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1997 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D - fil-Fakultà ta' l-Arti

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1997 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fil-Fakultà ta' l-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà ta' l-Arti; u

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 1992 'l quddiem.

Rekwiżiti Minimi għad-Dħul

3. Il-kwalifikazzjoni minima għar-reġistrazzjoni għal-grad ta' Ph.D. hija l-Master of Arts - M.A. - ta' l-Università ta' Malta jew l-ekwivalenti tagħha, u rakkomandazzjoni posittiva magħmula mill-Kumitat tal-Fakultà tal-Ph.D.

Sunt tat-Teżi Proposta

4. Minbarra proposta komprensiva tar-riċerka, il-Bord jeħtieġ mill-kandidat abbozz tal-proġett propost, li jinkludi s-sorsi u materjal ta' riċerka, ta' madwar 800 kelma.

Superviżjoni

5. (1) Il-Bord jirrikjedi li deċiżjonijiet dwar is-superviżur/superviżuri (li jistgħu jinkludu studjużi minn universitajiet barranin) għandhom ikunu diskussi fid-Dipartiment/il-Bord ta' l-Istudji. Id-Dipartiment/il-Bord ta' l-Istudji jirrikmanda superviżur/superviżuri lill-Bord biex wara jgħaddihom lis-Senat.

(2) Is-superviżur għandu jkun awtorità stabilita fil-qasam rispettiv tar-riċerka.

(3) Fil-każ ta' aktar minn superviżur wieħed, dan jista' jinkludi akkademiku ieħor mill-Università ta' Malta jew espert magħruf li mhux membru ta' l-Università ta' Malta.

L-Awtentiċità tat-Teżi

6. Teżi li qed tiġi sottomessa għas-superviżjoni u għall-eżami fl-ebda każ ma tista' tkun diġà ġiet sottomessa għal grad jew diploma xi mkien ieħor, u ma tistax tkun ġiet ippubblikata indipendentement, kollha jew sostanzjalment, mill-kandidat.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tat-Teżi

7. (1) Teżi għall-Ph.D. sottomessa lill-Fakultà normalment m'għandiex tkun inqas minn 70,000 kelma u aktar minn 90,000 kelma fit-tul, inklużi l-footnotes u l-bibliografija, iżda b'esklużjoni ta' l-isem u/jew l-indiċi analitiċi u xi appendiċi.

(2) Teżi għandha jkollha format ta' riferenzi standard. Iżda, id-diskrezzjoni tad-Dipartiment għandha tintuża fil-każ ta' stili u modalitajiet speċifiċi.

(3) Wara l-approvazzjoni formali tas-superviżur/superviżuri, erba' kopji għandhom ikunu ppreżentati liċ-*chairperson* tad-dipartiment biex jgħaddihom lill-eżaminaturi rispettivi.

(4) Għall-finijiet ta' l-eżami għandhom ikunu ppreżentati erba' kopji llegati *heat-bound (thermal binding)*. Meta t-teżi tkun approvata, dawn il-kopji għandhom jerġgħu jiġu ppreżentati llegati f'forma aktar permanenti (preferibilment bil-qoxra iebsa) fi żmien ta' mhux aktar minn sitt ġimgħat wara l-eżami *viva voce*. Kopja oħra, illegata bl-istess mod, għandha tkun ippreżentata lir-Reġistratur biex dan jgħaddiha lis-sezzjoni tal-Melitensia fil-Biblioteka ta' l-Università.